**Minuti tal-440 laqgħa tal-Kunsill li saret**
**nhar it-Tnejn, 20 t'Ottubru, 2014**

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici, il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Brian Spiteri, is-Sur Joseph Agius (is-Sway), is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Joseph Agius, s-Sur Joseph Vella u s-Sinjura Anna Calleja.

Is-Sur John J Pace u l-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ is-Sinjorina Katrin Busuttil daħlu għal-laqgħa fis-6.40 ta' filgħaxija. Is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa fis-7.15 ta' filgħaxija.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fir-raba' paragrafu ta' paġna 181, u minflok il-kliem "Is-Sur Mark Grech qal illi t-tielet *option* ma kienetx prattika peress illi kienet ser titwal id-distanza għall-*bus stop,* speċjalment għar-residenti li jkunu ġejjin mill-*area* tal-Ħofra" jitniżżel il-kliem "Is-Sur Mark Grech qal illi t-tielet *option* ma kienetx prattika minħabba problemi li jista' jkun hemm ta' *traffic management*".

Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fit-tieni paragrafu ta' paġna 181 u titniżżel il-kelma 'tiġi" qabel il-kelma "diskussa".

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fl-aħħar paragrafu ta' paġna 179, u minflok il-kliem "periklu għas-sewwieqa" jitniżżel il-kliem "periklu għall-*pedestrians*".

Fis-6.40 ta' filgħaxija is-Sur John J Pace u l-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ is-Sinjorina Katrin Busuttil daħlu għal-laqgħa.

Fis-6.45 ta' filgħaxija l-Viċi-Sindku talab li jkun skużat għal ftit minuti.

Il-minuti tal-439 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

<u>Item 3 - Punti li joħorġu mill-Minuti</u>

Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-Kunsill kienx qed jitlob sabiex terġa' tibda tintuża l-venda f'Ħaż-Żabbar peress illi ħafna drabi l-karozzi tal-linja kienu qed ikunu diġa mimlija meta jitilgħu minn Wied il-Ghajn, speċjalment dik tar-rotta numru 120.

Is-Sur Joseph Agius (is-Sway) qal illi r-rotta 120 kienet qed tintuża minn individwi li ma jkunux sejrin l-isptar jew l-Università ta' Malta u din kienet ir-raġuni primarja li qiegħda tkun mimlija.

Is-Sinjura Anna Calleja ssuġġeriet sabiex fil-laqgħat li ser isiru mill-Kunsill għall-pubbliku jinħatar rappreżentant minn kull żona sabiex ikun jista` jressaq l-ilmenti f'isem ir-residenti.

Is-Sindku qal illi ma kienx jaqbel mal-proposta tas-Sinjura Anna Calleja peress illi l-iskop ta' dawn il-laqgħat kien sabiex il-Kunsill jiltaqa` mar-residenti tal-lokal u kull min irid ikun jista' liberament isemma leħnu personalment.

Is-Sur Joseph Bonnici staqsa f'hix kien wasal il-proċess għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv – Skala 13. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien qed jistenna l-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ tibgħat il-lista ta' persuni li qiegħdin jirreġistraw taħt *Part* 3.

Is-Sur Joseph Bonnici staqsa jekk kienetx saret it-talba lill-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura sabiex jiġu assenjati ħaddiema tal-*Public Works* mal-Kunsill. Is-Sindku qal illi m'għadhomx jiġu assenjati ħaddiema tal-*Public Works* mal-Kunsilli.

Is-Sindku qal illi flimkien mal-Kunsillier is-Sur Joseph Agius (is-Sway) u mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-Sur Simon Buttigieg u Uffiċjali oħra tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin bil-għan li l-Kunsill jingħata tlett *inmates* biex jagħmlu xogħol fil-komunita`. Is-Sindku qal illi tnejn mill-ħaddiema assenjati kienu ser jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni filwaqt li persuna oħra kienet ser tagħmel xogħol klerikali.

Is-Sur Joseph Agius qal illi kien attenda għal-laqgħa plenarja li saret għall-Kunsilliera ta' Malta u Għawdex fejn fost affarijiet oħra li ġiet diskussa l-possibilita` li l-Kunsilli jaħdmu mill-qrib mal-aġenzija Sedqa u mal-aġenzija Appoġġ. Is-Sur Agius qal ukoll illi l-kumpanija *HSBC* kienet lesta li tgħin f'ċerti proġetti u inizjattivi tal-Kunsilli Lokali. Is-Sur Joseph Agius qal illi waqt il-laqgħa ġiet diskussa l-possibilità li l-Kunsilli iġibu għajnuna finanzjarja mill-Unjoni Ewropea għall-attivitajiet kulturali. Is-Sur Agius qal ukoll illi waqt il-laqgħa intqal illi l-Gvern Ċentrali kien ser iniedi proġetti sabiex jibda jsir tindif taż-żoni fejn jarma s-suq fil-beraħ.

Is-Sur Agius ippropona sabiex jibdew isiru taħdidiet edukattivi mill-aġenzija Sedqa u mill-aġenzija Appoġġ matul il-laqgħat mal-pubbliku. Is-Sindku qal illi l-laqgħat li ser isiru mar-residenti kienu ser isiru sabiex jiġu diskussi proġetti u ilmenti. Għaldaqstant ikun aħjar jekk dawn il-laqgħat jiġu organizzati separatament.

Is-Sindku qal li flimkien mas-Sinjura Anna Calleja kien iltaqa' mas-Sur Andre` Callus mill-NCPE fejn ġiet diskussa l-possibilita` li jsiru *talks* edukattivi b'kollaborazzjoni mal-Kunsill.

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa f'hix kien wasal il-proċess sabiex jinbeda x-xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq Ħas-Sajjied.

Is-Sindku qal illi peress illi l-offerta biex tiġi *resurfaced* Triq Ħas-Sajjied kienet iktar minn kemm kien qed jiġi stmat, kienu ser isiru diskussjonijiet mall-GAL biex il-Kunsill ikun jista` jagħmel xogħol ta' *extensive patching* jekk kemm il-darba ma tistax tiżdied l-allokazzjoni finanzjarja għal dan il-proġett.

Is-Sindku qal ukoll illi l-Gvern Ċentrali kien ħabbar li ser jagħmel xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq rurali f'Ħaż-Żabbar li jinkludu Triq Ħas-Sajjied u Trejqet Wied ta' Mazza.

Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-attivita` sportiva ta' klassijiet tal-aerobics proposta mill-Kunsill u staqsa f'hix waslet l-applikazzjoni tal-Iskema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet.

Is-Sindku qal illi kienu qed jinżammu *records* aġġornati fil-Kunsill bil-lista dettaljata tax-xogħlijiet li kienu qed isiru mill-ħaddiem tal-IPSL. Is-Sindku qal illi dan il-*file* huwa aċċessibli għal kull Kunsillier.

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx għamel l-applikazzjoni għal servizz ġdid tal-ilma fil-funtana tal-Għajn tal-Bhejjem. Is-Segretarju wieġeb fil-pożittiv.

Is-Sur Joseph Bonnici staqsa jekk il-Kunsill kienx issottometta l-applikazzjoni għal servizz ġdid tad-dawl fi Ġnien Tamara Psaila.

Is-Segretarju qal illi l-applikazzjoni kienet pendenti peress illi l-Kunsill kien qed jintalab iħallas l-ispiża tal-konsum tad-dawl tal-ġnien kollu.

Is-Sur Joseph Bonnici qal illi kien sar vandaliżmu fuq il-globi tad-dawl fi Ġnien Tamara Psaila u dawn iridu jiġu rranġati.

Is-Sindku qal illi kienu ser jinbdew il-preparamenti sabiex fi żmien qasir tinħareġ l-offerta għal xogħol ta' kostruzzjoni ta' Ġnien il-Kunsill. Is-Sindku qal illi kienet saret l-applikazzjoni għall-proġett A+ *Accessibility Award 2014* sabiex isir il-proġett ta' Ġnien il-Kunsill u jsiru sinjali għal nies nieqsa mid-dawl, bandla għal nies b'diżabilità u *toilets* aċċessibli għall-persuni b'diżabilità taħt din l-iskema. Is-Sindku qal illi kien ser jagħmel ħiltu biex dan il-proġett ikun jagħmel *joint venture* ma' entitajiet oħra.

Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li jiġu rranġati l-bandli mill-aktar fis possibli biex dawn ikunu jistgħu jintużaw mill-pubbliku.

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill proposta li saret minn Transport Malta sabiex *bus stop* li hemm fil-parti t'isfel ta' Triq is-Santwarju jitressaq fil-viċinanzi ta' Triq Felice u din it-triq issir *one way*. Is-Sur Brian Spiteri qal illi kienu qed isiru ħafna nċidenti tat-traffiku fi Triq Felice kantuniera ma' Triq San Lawrenz.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jikteb lil Transport Malta sabiex il-*bus stop* jitressaq fil-viċinanzi tal-Monument tal-ex President Agatha Barbara. Is-Sindku qal illi kien ser imur mal-Perit tal-Kunsill fuq il-post sabiex jiġi aċċertat li l-post fejn ser jiġi spustjat dan il-*bus stop* ikun wieħed addattat.

Item 4 - Korrispondenza

Inqrat stedina mibgħuta mill-Grupp Organizzattiv tal-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar għall-Festa tal-Ktieb 2014 li ser issir nhar il-Ġimgħa 31 t'Ottubru, 2014 u għall-attivita` Lejla Nostalġija li ser issir nhar is-Sibt 1 ta' Novembru, 2014 fis-Sala Parrokjali.

Fis-7.15 is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva żewġ talbiet sabiex jagħmlu xogħol fil-Kunsill taħt l-iskema ta' diżabilita`. Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jivverifika jekk l-applikanti kienux eleġibbli sabiex jaħdmu taħt din l-iskema. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jingaġġa persuna taħt din l-iskema kemm il-darba l-applikant ikun eleġibbli.

Is-Sur John Pace qal illi minn mindu twaħħal il-*lift* kien qed ikun bil-ħsara ta' spiss u għadu ma tranġax.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien hemm ħsara teknika fil-*lift* u għalhekk kienet qed tinżamm r-*retention fee* dovuta lill-kumpanija Central Trading Co Limited sakemm il-kumpanija Central Trading issewwi l-ħsara u tiggarantixxi li tagħmel tajjeb għall-ħsara li hemm.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-INC Youth Centre Żabbar fejn intalbet il-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex tiġi organizzata attività għaż-żgħażagħ u l-Kunsill jipprovdi s-*sound system* għal din l-attività. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jipprovdi s-*sound system* għal din l-attività.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Anna Spiteri, *Managing Director* tal-kumpanija *Integrated Resources Management Co Ltd* fejn talbet lill-Kunsill sabiex tiġi nnominata persuna sabiex tikkontribwixxi biex jinħoloq *tourist trail.* Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jinnomina *tourist trail* f'Ħaż-Żabbar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn resident mill-Qasam tad-Djar fejn ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar applikazzjoni li saret lill-MEPA PC/0023/14 għal żvilupp fi Triq il-Luq f'Ħaż-Żabbar. Il-Kunsill intalab sabiex joġġezzjoni għal dan l-iżvilupp peress illi ser jittieħed passaġġ pubbliku.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li joġġezzjona għal dan l-iżvilupp kemm il-darba jirriżulta li dan l-iżvilupp jaqa` barra miż-żona tal-iżvilupp u jittieħed passaġġ pubbliku.

Is-Sur John J Pace issuġġerixxa li triq ġdida fi Triq iċ-Ċimiterju tingħata l-isem "Triq it-Tenur John Delia". Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament sabiex din it-triq tingħata dan l-isem ġdid.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Korporazzjoni Enemalta bħala risposta għall-ittra mibgħuta mill-Kunsill dwar allegata ħsara strutturali li sofra s-Sur Anthony Darmanin minħabba bozza tad-dawl li kienet twaħħlet mal-faċċata tad-dar tiegħu mill-Korporazzjoni Enemalta numru ta' snin ilu. Il-kumpanija Enemalta nfurmat lill-Kunsill illi din il-lampa ilha devoluta lill-Kunsill mill-2003 u għalhekk taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament jikkontesta r-risposta tal-Enemalta peress illi l-ħsara kienet saret meta twaħħlet il-bozza u mhux mindu ġiet devoluta lill-Kunsill. Għaldaqstant għandha tkun l-Korporazzjoni Enemalta li tħallas għal kwalunkwe ħsara li jista` jkun hemm.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (Is-Sway), il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-58 u 59 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jsiru *business cards* għall-Kunsill.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Gordon Caruana minn Radju Ħompesch fejn talab lill-Kunsill sabiex jerġa' jibda jsir il-programm Kunsill Lokali *Live* fuq Radju Ħompesch. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jerġa' jsir dan il-programm fuq ir-radju. Il-programm għandu jerġa' jibda jsir fil-bidu ta' Diċembru, 2014.

Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li minflok jinqraw il-minuti tiġi diskussa *issue* ta' nteress għall-pubbliku f'kull programm.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn Susanne Bonello minn Transport Malta bħala risposta għal talba ta' *loading / unloading bay* fi Triq Villabate viċin il-ħanut Gamblu *Confectionery* fejn il-Kunsill ġie nfurmat illi t-talba ma ġietx milqugħa peress illi ħanut tal-*confectionery* mhux eliġibbli.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol dwar il-programm Aqra Miegħi – *Read With Me* li huwa mmirat biex jagħti edukazzjoni ta' litteriżmu lit-tfal minn 0 sa 3 snin flimkien mal-ġenituri tagħhom fil-lokalitajiet. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jipparteċipa f'din l-inizjattiva nazzjonali u joffri l-bini tiegħu biex isiru dawn is-sezzjonijiet għall-familji Żabbarin li ser jibdew isiru nhar ta' Ħamis bejn l-4.30 u l-5.30 ta' filgħaxija.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel avviż fil-*magazine* li jinħareġ mill-klabb tal-futbol tas-St Patrick u jippromovi Aqra Miegħi – *Read With Me.*

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija TCTC dwar il-korsijiet EBIZ. Is-Sindku qal illi kien attenda s-seminar dwar EBIZ flimkien mas-Sur Brian Spiteri u li fl-opinjoni tiegħu ikun aħjar jekk jiġu organizzati ukoll il-korsijiet bħal ECDL, Learn IT u IKIDS. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li ssir laqgħa mas-Sur Abela, Direttur Maniġerjali tal-kumpanija, biex flimkien tiġi diskussa l-possibilità li jintlaħaq ftehim sabiex jiġu organizzati l-korsijiet kollha mingħajr spejjeż għall-kunsill kif ukoll sabiex jingħata kompjuter b'xejn bħala kumpens.

<u>Item 5 - Skeda tal-Pagamenti</u>

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li ma jħallasx ir-*retention money* dovuta lic-Central Trading, ċekk numru 7374 li jammonta għal €1,155 qabel ma jiġi rranġat il-lift mill-kumpanija.

Fuq proposta tas-Sur Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill approva unanimament il-kumplament tal-iskeda ta' ħlasijiet mit-30 t'Ottubru 2014 sal-20 t'Ottubru 2014 li kien jammonta għal €53,369.05.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Grech, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Settembru 2014 li kien jammonta għal €49.59.

<u>Item 6 - Approvazzjoni tar-Rapport Annwali Amministrattiv</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena finanzjarja Jannar – Diċembru 2013. Dan ir-rapport ġie

approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri.

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa f'hix wasal il-proċess tas-sejħa għall-offerti tal-kuntratt tal-iskart. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sejħa pubblika kienet ser jinħareġ fil-jiem li ġejjin.

Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li fid-dokument tal-offerti jiġi stipulat li dan is-servizz għandu jingħata b'żewġ *scammels* u li għandu jkun hemm driver u żewġ ħaddiema ma' kull *scammel*.

Fit-8.20 ta' filgħaxija s-Sur Domenic Agius daħal lura għal-laqgħa.

Item 7 - Deċiżjoni dwar kuntratti u offerti

Kwotazzjonijiet għall-polza ta' assigurazzjoni tal-Kunsill (ZLCQT 3/2014)

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*quotations* li kienu ġew mitfugħa għat-tiġdid tal-polza ta' assigurazzjoni tal-Kunsill. Ingħatat *quotation* waħda, dik mingħand il-kumpanija *Island Insurance Brokers* għall-prezz ta' €2,962. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta l-offerta tal-Island Insurance Brokers.

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill kont mibgħut mill-*Pure Concepts Limited* li huwa relatat mal-attivita` *The Malta International Food Festival* li kien ġie organizzat fl-2013. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jivverifika r-raġuni li dan il-kont ntbgħat issa wara sena u jikkjarifa l-kont peress illi l-kont jammonta għal aktar minn €300, kif kellu jkun skont ir-rapport tal-ispejjeż li kien ppreżenta l-ex Sindku Quinton Scerri.

Is-Sur Mark Grech issuġerixxa li ma jitħallsux kontijiet ta' attivitajiet passati li l-Kunsill ma jkunx jaf bihom u li jaslu wara l-aħħar ta' din is-sena finanzjarja.

Servizz ta' Librara (ZLC 10/2013)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' librara (ZLC 10/2013) kien ser jagħlaq u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt għal sena oħra jew le. Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata

mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded il-kuntratt għal sena oħra addizzjonali bl-istess rati u kundizzjonijiet.

*Works Manager – Project Co-Ordinator* (ZLC 11/2013)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz *Works Manager – Project Co-Ordinator* (ZLC 11/2013) kien ser jagħlaq u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt għal sena oħra jew le. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded il-kuntratt għal sena oħra addizzjonali bl-istess rati u kundizzjonijiet.

Item 8 - Komunikazzjoni mis-Sindku u Kunsillieri

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li fit-8 ta' Diċembru, 2014 jiġi organanizzat *football tournament*. Is-Sindku qal illi *footballers* li qiegħdin fil-*1st Division* jew qiegħdin *Premier* ma jistgħux jipparteċipaw f'dan it-*tournament*.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jorganizza kompetizzjoni tal-*American Pool* għall-klabbs lokali.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw u jinbidlu ħames *computers* tal-*istaff* kif ukoll jinxtara *computer* għal-uffiċċju tas-Sindku.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (is-Sway), il-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw uniformijiet ġodda għal-impjegati tal-Kunsill.

Is-Sindku ppropona li jinbeda x-xogħol sabiex tiġi irranġata Triq il-Ġnien, tiġi rranġata l-bankina fi Triq il-Baħrija, kif ukoll tiġi rranġata parti minn Triq id-Dukkar. Il-Viċi-Sindku ssekonda u kulħadd qabel unanimament.

Is-Sindku qal illi din il-leġislatura kien għad fadlilha ħames snin oħra u għalhekk talab lill-Kunsilliera jagħmlu lista ta' toroq li għandhom bżonn isiru biex b'hekk jkun jista' jsir pjan dettaljat tax-xogħlijiet li ser ikunu qed isiru.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienet ser tinfetaħ dar għall-anzjani fi Triq Sant' Antnin u li ser tkun qed tilqa' l-ewwel anzjani fis-sena operattiva fl-2017. Is-Sindku qal illi kien hemm art fi Triq is-Silla u li setgħet tiġi żviluppata bħala parti mill-proġett. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob għad-devoluzzjoni ta' din l-art u jiżviluppha bħala *park area* biex b'hekk isservi bħala post ta' mistrieħ għar-residenti.

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill pjanta mibgħuta minn Transport Malta dwar it-tibdil fis-sistema tat-traffiku fi Triq Villabate, Triq San Ġużepp u toroq oħra fil-viċinanzi.

Is-Sindku qal illi kellu laqgħa mas-Sinjura Sigrid Baron fejn ġiet diskussa l-possibiltà li jsir *neutering* ta' *stray cats* f'Ħaż-Żabbar sabiex jonqos l-ammont ta' qtates li hemm fit-toroq residenzjali. Is-Sinjura Baron talbet il-ħlas ta' €8 għal kull qattus/a li tiġbor sabiex tkopri spejjeż ta' kura, mediċini, ikel u trasport sabiex jittieħdu l-qtates għand il-veterinarju u jinġiebu lura. Il-ħlas tan-*neutering* ser isir permezz ta' *vouchers* li ser jinġiebu mingħajr spejjeż għall-Kunsill mill-għaqda PAWS jew minn għaqdiet mhux Governattivi.

Is-Sur Mark Grech talab sabiex il-Kunsill jidentifika żoni li hemm il-qtates *strays* u jsir *neutering* tagħhom. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jġib permess mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jibda jsir *neutering* ta' qtates *stray* f'żoni f'Ħaż-Żabbar permezz ta' servizz li qed toffri l-għaqda PAWS.

Is-Sur Brian Spiteri talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex is-Sinjura Doris Barbara isservi fis-Sotto-kumitat għan-Negozji u Intrapriżi Żgħar / Medji u Turiżmu. Is-Sur Joseph Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Spiteri u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Mark Grech talab l-apporvazzjoni tal-Kunsill sabiex is-Sur Joseph Vella iservi bħala Viċi-*Chairperson* fis-Sotto Kumitat għaż-Żgħażagħ u Edukazzjoni. Is-Sur Joseph Bonnici issekonda l-proposta tas-Sur Grech u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal li fi Triq il-Kunvent ma' Triq il-Qalb Imqaddsa qiegħed iżomm ħafna ilma tax-xita.

Is-Sur Buttigieg qal wkoll illi hemm bżonn tiġi rranġata l-art quddiem ir-residenza numru 119 fi Triq il-Kunvent peress illi kien qed iżomm ħafna ilma tax-xita.

Is-Sindku qal illi kellu laqgħa mal-Ministeru tat-Transport u Infrastruttura fejn ġiet diskussa l-possibiltà li jsir xogħol ta' manutenzjoni bil-ħaddiema tal-Gvern billi l-Kunsill jipprovdi l-materjal u jħallas tletin fil-mija tal-*labour costs*.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi l-ħtieġa li tiġi rranġata Trejqet Wied ta' Mazza peress illi hemm ħafna ħofor kif ukoll li jsir xogħol ta' *patching* fi Triq Salvu Pulis.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi hemm bżonn terġa' tiġi rranġata parti minn Triq il-Qaqoċċ peress illi niżlet.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kienet ser tiġi organizzata ħarġa għall-anzjani fejn ser issir quddiesa fil-Knisja ta' Sant Agatha, r-Rabat (Malta) u wara jsir Coffee Morning.

Is-Sur Joseph Bonnici talab sabiex jitwaħħlu tlett *bollards* fi Triq id-Dukkar ma' Triq il-Lunzjata.

Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kienetx ser tiġi organizzata l-kompetizzjoni tat-tiżjin tal-Milied. Is-Sur Joseph Vella qal illi kien ser jagħti nformazzjoni dwar din l-attività fil-ġranet li ġejjin.

Is-Sur Joseph Agius (is-Sway) qal illi hemm bżonn tiġi rranġata l-art madwar it-tappiera tad-drenaġġ li hemm fi Triq iċ-Ċawsli minħabba xogħol ta' kostruzzjoni li qed isir fil-viċinanzi. Is-Sur Agius (is-Sway) qal illi din it-tappiera kienet qiegħda ta' periklu.

Is-Sur Mark Grech talab sabiex issir grada fil-bandli ta' Ħaż-Żabbar biex jiġi evitat il-periklu għat-tfal.

Is-Sur Mark Grech staqsa jekk il-Kunsill kienx qed jiġi kkonsultat dwar il-ħatra ta' President fil-Kunsill Skolastiku . Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv.

Is-Sur Mark Grech talab sabiex jingħata kopja ta' korrispondenza dwar talba li saret mill-Kunsill lil Transport Malta sabiex isir *single line* fi Sqaq il-Bursett.

Is-Sur Mark Grech talab li jsiru *parking bays* fi Triq Alessio Erardi u fi Triq Bieb is-Sultan in-naħa ta' Misraħ Alofju Wignacourt.

Is-Sur Mark Grech staqsa f'hix kien wasal il-proċess sabiex jinxtelu l-bozoz il-ġodda li kienu twaħħlu mill-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-applikazzjonijiet sabiex jiġu mqabbda l-bozoz ġodda kienu ser isiru fil-jiem li ġejjin.

Is-Sur Joseph Vella talab sabiex tiġi rranġata bozza maqtugħa li hemm fi Triq Bieb is-Sultan.

Il-Viċi-Sindku talab li tiġi rranġata Triq Salvu Darmanin u Triq San Leonardu peress illi fihom hemm ħafna ħofor.

Is-Sur Joseph Agius talab li jiġu ndirizzati lmenti li kien ressaq quddiem il-Kunsill u li ma kienux għadhom ġew solvuti.

Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-possibiltà li ssir *speed camera* fi Triq tal-Labour biex jiġi mrażżan is-sewqan eċċessiv li qiegħed isir fit-triq.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.20 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-441 laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 24 ta' Novembru, 2014.

Marc Vella Bonnici
Sindku

17 ta' Novembru, 2014

Sur Sindku / Sinjuri Kunsillieri / Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

Nixtieq ninfurmakom illi l-441 laqgħa tal-Kunsill ser issir nhar it-Tnejn 24 ta' Novembru, 2014 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Agenda

1. Attendenza u Apoloġiji
2. Approvazzjoni tal-Minuti
3. Punti li joħorġu mill-Minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda tal-Pagamenti
6. Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart
7. Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv – Skala 13
8. Villaġġ tal-Milied f'Ħaż-Żabbar
9. Komunikazzjoni mis-Sindku u Kunsillieri
10. Aġġornament

Nirringrazzjakom u nselli għalikom

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv